MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTA NUMRU

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Hamis 14 ta'Settembru 2017.

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Justin Fenech | - | Vici Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Mauro Miceli | - | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti nqraw u approvati miLL-Kunsillier P. Fenech, u ssekondati mill-Kunsillier A. Chetcuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI**

Qabel ma ghamel l-intervent tieghu is-sindku, il-Kunsillier A. Chetcuti ressaq suggeriment sabiex jigi kkunsidrat tibdil ta' kif il-kunsillierI ressqu l-punti taghhom. Is-sistema attwali li l-ewwel jitkellem is-sindku mhix taghti cans kunsillierI ohra iressqu l-punti taghhom, ghaliex hafna drabi l-intervent tas-sindku jkunu fit tul.

Jemmen li jrid jkun hemm time limit ghal kemm kunsillier ghandu jkollu ghad-disposizzjoni tieghu. Is-sindku ma jaqbilx fuq dan ghax ihoss li kulhadd ghandu dritt jghid li jrid u kemm irid, u hu qatt ma zamm lill xi haDd milli iwassal dak kollu li ried iwassal. Dan hu kunsill ta' disa membri u ghalhekk hija naturali li jkun hemm hafna punti x'wiehed jiddiskuti izda lkoll adulti. Il-kunsillier M. Abela ziededTli jekk punt ma twasslux fil-laqgha tal-kunsill facilment jintesa minN laqgha ghal ohra.

**III RAPPORT MIS-SINDKU**

Is-sindku informa li ltaqa mal-Ministru Herrera u pprezentalu rapport (anness A) ta' punti li ga kien iddiskuta mieghu zmien ilu.

Fost il-punti li ressaq kien hemm naturalment il-gbir ta l-iskart u l-abbuz miNn xi resident fl-immaniggar ta' li-skart. Sostna mal-Ministru li jekk ma jibdiex isir l-infurzar dak kollu li qed naghmlu ser ifalli. Informah li ghalkemm qeghdin bhala Kunsill niehdu hafna pacenzja hemm limitu ta' kemm nistghu nibqghu niehdu din il-pacenzja.

Tkellem mieghu fuq Wied Ghomor u t-thedida kontinwa ta' zvilupp li qed ikun hemm fil-wied. Fakkru li kien weighed lil Kunsill li kien ser jinnomina il-wied bhala Public Domain, u dan ma sarx. Il-Ministru wieghdu li sitt xhur ohra ser jerga jinnomina dan il-wied. Is-Sindku esprima biza li sadanittant jista jkun li jigi approvat xi progett fil wied.

Fost affarijiet ohra li tkellem mieghu fuqhom kien hemm li zvilupp bla razan fis-Swieqi u l-isfidi li jgib mieghu, l-afforestazzjoni ta' l-art biswit il-Forti Madliena, kif ukoll weghda ta' sapport mill-ministeru fejn wieghed l-ghajnuna ta' Eur30,000. Ma giex specifikat x'tip ta ghajnuna izda dalwaqt il-Kunsill ser jissottometti l-ideat tieghu.

Is-Sindku informa li attenda ghal ftuh ta' l-istagun tas-Swieqi United FC u mpressjona ruhu bl-element ta' professjonalita li bih qed jimxi l-klabb.

Fuq Swieqi Fest irringrazzja lill kull min kien involut fl-organizzazzjoni u fl amministrazzjoni ta' din l-attivita annawali, kif ukoll li-sponsors.

Tkellem fuq il-mobile camera li twahhlet mill-Greenpak fi Triq il-Qatta u saqsa lis SE jekk hemmx xi filmati. Is-SE infurmah li waslu xi filmati izda b'format li ma stajniex niftuhom. Tkellem mal-Greenpak u ser jibghat filmati f'format iehor.

Huwa staqsa wkoll fuq il-one ways ta' Triq in-Nofs u l-Gharbiel. Is-SE informah li Triq In-Nofs giet approvata u ser issir dalwaqt, izda Triq l-Gharbiel baqa xi oggezzjonijiet li rridu nindirizzaw.

Rega’ semma l-laqghat li talab mal-Ministru u s’issa hlief ma’l-Onor. Silvio Parnis biss iltaqa. Is-Segretarju Ezekuttiv informah li tkellem diversi drabi fuq dan u pprova jorganizza dawn il-laqghat izda l-Ministeri sostnew li dawn il-laqghat isiru ma’ ufficjali gholja fil-ministeri u mhux mal-Ministri.

Informa wkoll li ltaqa ma’ l-izviluppaturi tal-Forum, is-Sinjuri Portelli biex jiddiskuti l-progett tal-Pjazza Uqija. Kien sar ftehim li x-xoghol jibda f’Ottobru sabiex jitlesta  sal-Milied izda peress li kienet qed tkun problema tiltaqa’ ma’ dawn in-nies ghandu d-dubju tieghu kemm ser jitlestew fil hin.

Fl-ahharnett is-Sindku rega’ staqsa fuq xi zvilupp hemm fuq il-progett ta’ l-estenzjoni tal-gnien Esprit Barthet, u s-Segretarju Ezekuttiv informah li ghadna mwahhlin izda l-awtorita ta’ l-izvilupp qalulna li jidhru li mhux ser ikun hemm problemi wara li jigi ffinilizzati d-dokumenti kollha mil-Perit taghna ma Transport Malta.

**<u>IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI</u>**

<u>Punti mressaq mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

Il-Kunsillier A. Chetcuti tkellem fuq l-inizzjattiva Let’s Do It Malta’, inizjattiva mnedija minn certa sinjura Svediza jisimha Camilla Applegren. Din hija attivita fuq skala nazzjonali fejn gruppi ta’ resident jiltaqghaw flimkien u jghinu sabiex jitnaddfu siti mifthema. Flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv identifikaw tlett siti li huma iz-zewgt ghelieqi, wahda taht il-mini ta’ Paciville u l-ohra biswit Triq Marbat, l-area fejn il-Forti tal Madliena, u fl-ahhar net l-area mic-Centru Civiku, tinzel minn triq tal-Franciz sal-Wied Ghomor. Ser jkun hemm tlett leaders li huma Jonas, Membru tat-tim tar Swieqi Overseas Rugby Club, Maryanne Abela li ser tmexxi fil-Madliena u hu li ser jiehu hsieb it-tielet grupp Is-SE ser jkun qed idur it-tlett siti jikkowordina.

Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa jekk hemmx xi pjan sabiex it-toroq Qantar u Giebja isiru one way. Is-Sindku qal li bhalissa jixtieq l-ewwel jaghlaq il-one ways ta’ Triq in-Nofs, Triq Qawsalla u Triq l-Gharbiel.

Staqsa wkoll fuq parti minn Triq il-Gizimin li ghadha bla asphalt. Din suppost titlesta minn Transport Malta izda l-Perit mhux jirrispondi t-telefon kull darba li pprova jkellmu fuq din.

Tkellem ukoll fuq it-traffic fit-toroq principali tas-Swieqi, torod Qasam, Swieqi u Ibrag, u talab li jigu nstallati traffic lights f’dawn it-toroq. Il-Kunsill qabel ma dan is-ssugeriment.

Talab ukoll li jsiru tlett bollards hdejn il-pompa tal-Wembley garage.

Gibed l-attenzjoni li hemm sigra tal-harrub fi Triq Madliena li kibret ghat-triq u qed tkun ta periklu. Is-SE avza li il-kumitat tal-Madliena ga rrapurtawha u kellem lill gardinar fuqha sabiex jara x’jista jsir peress li din sigra protetta.

Huwa tkellem fuq kif qed imur jsuq wara l-kuntrattur t’ li-skart sabiex jiffilmjah fil-qadi ta’ dmiru, dan wara li saru diversi lmenti min resident li qieghed ihallat li skart riciklabbli ma skart iehor. Sab li mhux veru li qed jallegaw xi nies, tant li l-kuntrattur hass li kellu jwissi residenta legalment biex tieqaf tikteb informazzjoni mhix korretta fuqu.

Fl-ahharnett tkellem  fuq il-bzonn li jsiru airconditioners fis-sala tal-Kunsill kif ukoll fil-kmamar u l-klassijiet tal-kunsill. Is-segretarju ezekuttiv informa li ser igib quotations ghal dan.

Punti mressqa mil-Kunsillier T. Valentino

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet x'ser jigri mill-one way proponuta fi Triq il- Qawsalla. Is-Sindku informa li kien hemm xi resident li oggezzjonaw ghal din u ghalhekk ghalissa mhix ser isir. Hi staqsiet wara fuq il-pjan li kien hemm li il-blat fit-tarf ta din it-triq jinbidel fi gnien zghir (rock garden) u l-parking jitmexxa san-naha l-ohra tat-triq. IS- SE informa li ser jitkellem mal-Gardinar fuq il-gnien u biex jitmexxew il-parking bays ghan-naha l-ohra tat-triq ser jintelfu bejn 2 jew 3 parking bays. Il-kunsill approva dan.

Is-Sinjura Valentino tkellmet fuq l-inizjattiva mnieda mill-gvern ghal restawr ta' siti storici fil-lokalitajiet, u talbet lill kunsill japprova applikazzjoni ghar-resatwr ta' parti mill-Forti Madliena. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li tkellem mal-Perit tal-Kunsill ghal parir wara li studja l-kundizzjonijiet marbuta ma' l-applikazzjoni hemm klawsola li tghid li l-Kunsill irid jaghmel tajjeb ghal spejjez tal-Perit, ta' moniterragg tax-xoghol, spejjex marbuta ma' l-applikazzjoni bit-taxxi kif ukoll jintrabat li jrid jaghamel manutenzjoni ghal mhux inqas minnghaxar snin. Is- SE staqsa lill Perit ghal xi kemm jitilghu dawn l-ispejjes msemmijja hawn fuq u ir-risposta tieghu kienet li jitilghu mal-Eur15000. Is-SE tenna li peress li il-Forti Madliena la hu propjeta tal-Kunsill u lanqas ghandu xi titlu fuqu ma jarax wisq inqas jista japprova l-infiq ta' dawn il-fondi. Kien hemm diversi kummenti favur u kontra dawn iz-zewgt ideat u fl-ahhar il-Kunsill iddecieda li issir l-applikazzjoni ui naraw wara jekk din tigi accettata. Fl-istess hin gie mitlub li l-Perit jaghti spjegazzjoni ta' kif telghu ghal figura ta' Eur15000.

Is-Sinjura Valentino ressqet email li l-Kunsill ircieva minghand Friends of the Earth Malta. Dawn qed jaghmlu xi progett sabiex jikkreaw green spaces fl-urban, b'emfasi li li jionzerghaw pjanti li z-zunzan jkunu jistaw jghinu z-znazan. Dawn qed jitolbu kooperazzjoni mill-Kunsilli sabiex jinstabu areas fejn jista jigi kkunsidrat dan il-progett.

Punti mressqa mil-Kunsillier M. Abela

Is-Sinjura M. Abela ressqet ilmenti minn residenti fil-parti t'isfel ta triq Pedadilwett, fejn ilma mit-triq qed jinzel ma' hajt u bil-konsegwenza li qed jgherri l-hajt li jzomm it-triq. Is-SE mar mal-perit jara dan il-hajt u l-Perit issugerixxa li niktbu lill Transport Malta u nipprovaw nitolbuhom isewwuh.

Tkellmet ukoll fuq li stat hazin tal-hajt tas-sejjieh ta Triq il-Madliena. Talbet li jsir rapport mill-Perit, jintbghat lill-avukat u l-avukat jikeb lis-sidien sabiex ma jdumux ma jirringawh.

Punti mressqa mill-Kunsillier A. Curmi

Is-Sur Curmi tkellem fuq il-rivista tal-Kunsill li kellha tohrog tas-sajf. Qal li ghalinqas kull dokument li kien ippreperat ghandu jitpoggu fuq il-pagna tal-Facebook tal-Kunsill, halli n-nies jkunu jafu x'hidma u x'inizzjattivi saru matul dan iz-zmien.

Huwa staqsu fuq it-tenders li hemm pendenti u s-Segretarju Ezekuttiv informah li it-tenders tal-vettura, ta li street cleaning, u ta l-accounting hargu, u tal-manutenzjoni tal-bankini u t-toroq qieghed jigi ppreperat. Ma kienx hemm bzonn tender tal-Christmas Decorations ghax parti minnhu ser jithallas mill- kommunita ekonomika.

Punti mressqa mill-Kunsillier A. Curmi

Huwa semma kif ser jibda dalwaqt ix-xoghol ta' l-upgrading u l-embellishment tat-tunnels fl-entratura ghas-Swieqi min Paceville, manutenzjoni li ser iris mill kumpanija Urban Jungle.

Il-Kunsillier semma l-importanza li nibqghu nipprovaw nsibu post iehor ghar-rilokazzjoni tal-bike racks fi Triq Swieqi.

Huwa talab ukoll li fit-traffic calmers jinzebhu it-triangli u l-marki s-sofor ghax mhumiex jidhru.

Fuq Swieqifest avza li il-Vici Sindku ghandu jipprezenta dettalji fuq id-dhul u l-infieq ta l-attivita sal-laqgha tal kunsill li jmiss.

Ghal darb'ohra tkellem fuq iz-zebgha tal bins tal-bankini, sa kemm jigu nstallati il-bins godda.

Punti Mressqa mill-Kunsillier M. Miceli

IL-Kunsillier M. Miceli avza li cempel diversi drabi, kif ukoll innota li hafna drabi l-ghassa tal-pulizija tas-Swieqi tkun maghluqa. Talab li jsir rapport l-ghassa ta San Giljan fuq dan u accertazzjoni li l-ghassa tas-Swieqi tkun miftuha iktar.

Tkellem ukoll fuq l-attendenza tieghu fil -European Open Week fi Brussell (ittra annessa) fejn ser ikun qed jirrapprezenta ir-regjun Tramuntana.

**APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti nru.36. Din giet approvata b'mod unanimu peress li ma kienx oggezzjonijiet mill-kunsillieri. L-email tal-Kunsillier A. Curmi ta' l-14 tsa'Settembru se tkun aness ma' dawn il-Minuti.

Il-laqgha giet fi-tmiemha fit-8.30pm u giet aggornata ghal 5 ta'Ottobru 2017 fil 17.00

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |